MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 487/2007

Kawza fil-lista: 59

**A B**
**vs**
**C B, gja' D; E F G, xebba H;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-esponent kien izzewweg lill-intimata E F G (xebba H) fid-29 ta' Dicembru 1963 (Dok. MM1);

Illi l-esponent u l-intimata E F G isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tat-2 ta' Marzu 1968 (Dok. MM2);

Illi z-zwieg ta' bejn l-esponent u l-intimata E F G gie sussegwentement iddikjarat null b' decizjoni tat-Tribunal ekklezjastiku ta' Ruma tal-15 ta' Dicembru 1971, liema decizjoni giet ikkonfermata mit-Tribunal ta' l-Appell finalment fl-24 ta' April 1972 (Dok MM3);

Illi fl-4 ta' Lulju 1967 twieldet l-intimata C B gia D gewwa Blue Sisters Maternity Home (Dok. MM4);

Illi fl-att tat-twelid tal-intimata C B bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni sitt mija u wiehed u tmenin (681) tas-sena 1968, l-esponent gie mnizzel bhala l-missier ta' l-intimata C B;

Illi kif se jigi ppruvat l-intimata C B gja D m' hijix il-wild naturali ta' l-esponent u dan kif ser jigi ppruvat permezz ta' testijiet xjentifici tad-DNA;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni ohra li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata C B gia D li twieldet mill-intimata E F G fl-4 ta' Lulju 1967, mhix bint l-esponenti A B kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 681/1968, u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u konsegwentement;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-intimata C B gia D li jgib in-numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 681/1968 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-esponenti u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “eta’”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu”, u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol il-kliem “unknown father” jew “father unknown”/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti, kif ukoll tordna li mill-imsemmi att ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem “the said” mill-kolonna li tirreferi

ghal partikolaritajiet ta’ l-omm, u tordna kull modifika ohra li tista’ tkun mehtiega f’ dan l-att u f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti C B u E F G li biha eccepew:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija diga’ res judicata u ghalhekk din l-Onor. Qorti m’ ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, biex l-azzjoni ta’ denegata paternita’ tirnexxi jehtieg li jkunu prezenti l-elementi u l-provi kollha rikjesti mill-Ligi, specjalment in vista tan-natura tal-azzjoni li hija serja u delikata u certament tinfluwixxi fuq il-hajja tal-esponenti C B;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m’ ghandhomx ibatu l-ebda spejjez fil-proceduri odjerni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu l-konvenuti C B u E F G irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom;

Rat r-risposta guramentata ulterjuri prezentata mill-konvenuta C B fis-7 ta' Mejju 2008, li permezz taghha giet sollevata l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2143 tal-Kap.16;

Rat li l-kawza tinsab differita ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni;

Rat l-atti kollha, inkluzi l-affidavits u n-noti ta' l-osservazzjonijiet prezentati;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi din hi azzjoni ta' denegata paternita' li biha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali li l-konvenuta C B li twieldet mill-konvenuta E F G fl-4 ta' Lulju 1967 mhijiex il-wild naturali tieghu; u li tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 681/1968.

Minn naha taghha l-konvenuta C B ssollevat l-eccezzjoni li stante li hi "tgawdi minn u tipposjedi stat ta' legittimita' tul hajjitha kolha, ai termini tal-ligi, dan l-istat ma jistax jigi attakkat minn hadd."[1] in bazi ghal dak kontemplat fl-artikoli 80 u 81[2] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur u l-konvenuta E F G zzewgu fid-29 ta' Dicembru 1963. L-inkwiet matrimonjali beda mill-bidunett taz-zwieg, stante li l-karattru ta' l-attur ma kienx joghgob lill-konvenuta G[2]; u l-inwkiet zdiet meta fl-ewwel xhur taz-zwieg il-konvenuta G kellha relazzjoni extra-matrimonjali qasira ma' certu Peter Stevens[3]. L-

---

[1] Vol.1 – fol.86
[2] Vol.2 – fol.370
[3] Vol.2 – fol.379

inkwiet kompla, u l-istess konvenuta, dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' certu Albert G, u ma dan kellha relazzjonijiet intimi, ghalkemm skond l-istess konvenuta mhux jkompluti, mieghu, filwaqt li fl-istess zmien kellha relazzjonijiet konjugali ma' l-attur, allura zewgha.[4]

Eventwalment il-konvenuta G harget tqila, u l-attur irrimarka li t-tarbija ma kinitx tieghu; l-inkwiet kompla, u meta din il-konvenuta kellha sitt xhur tqala' l-attur sakkarha barra mid-dar konjugali.

Fl-4 ta' Lulju 1967 twieldet it-tarbija, il-konvenuta C. L-attur giet informat bit-twelid tat-tarbija gimgha wara t-twelid. Sussegwentement, fl-4 ta' Frar 1968, huwa rregistra t-tarbija bhala bintu.

Illi f-2 ta' Marzu 1968, il-partijiet iffirmaw kuntratt[5] ta' separazzjoni personali, fejn l-attur, *inter alia*, kien obbliga ruhu jhallas manteniment mensili ghat-tifla, u l-ispejjez edukattivi. Huwa nghata d-dritt ta' access ghat-tifla fis-sens li sakemm it-tifla jkollha tlett snin hu jkollu dritt li jaraha darba fil-gimgha fid-dar ta' ommha, il-konvenuta G, u egheluq it-tlett snin, l-attur kellu d-dritt li jiehu lit-tifla u jzommha mieghu ghal gurnata fil-gimgha.

Illi l-manteniment pattwit kien jithallas regolarment, izda sabiex jithallasu l-ispejjez tal-ballet, il-konvenuta E F G kellha totjeni digriet tal-Qorti. Izda, ghalkemm il-manteniment baqa' jithallas skond il-ftehim u skond il-ligi, l-attur waqaf jezercita l-access tieghu meta t-tifla kellha circa sena u nofs. Minn dak in-nhar, sakemm il-konvenuta C B kellha il-fuq minn 15-il sena, l-attur qata' kull kuntatt mat-tifla. Eventwalment din il-konvenuta regghet beda jkollha kuntatt ma' l-attur fuq bazi okkazjonali.

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jghid li wara z-zwieg skopra li martu kienet tiffrekwenta rgiel ohra u kellha relazzjonijiet intimi

[4] Vol.2 – fols.383-388
[5] Vol.1 – fols.6 et seq.

maghhom; ghalhekk meta matul il-konvivenza matrimonjali din qaltlu li hi kienet tqila "mill-ewwel issuspettajt li t-tarbija ma kinitx tieghi."[6] Sussegwentement huma sseparaw de facto.

"Gimghat wara" huwa gie nformat mill-attrici li hi kienet weldet tarbija. L-attur jispjega u li hu ma riedtx jiffirma l-paternity form fl-att tat-twelid, tant li baqa' jittrattjeni seba' [7] xhur qabel ma fl-ahhar accetta li jiffirma. Jghid li hu kien iffirma, kemm minhabba pressjoni li kien qed jaghmillu dak iz-zmien missier il-konvenuta, kif ukoll pressjoni minn naha tal-pulizija, u inoltre, iffirma ghal "jien kont taht l-impressjoni li bhala l-missier prezunt ta' C, jien biss stajt nirregistra t-twelid taghha."[7]

L-attur jispjega li, peress li martu kienet qaltlu li hi ma riditx tfal, huwa dejjem uza l-metodu ta' l-irtirar fir-relazzjonijiet intimi maghha; anke f' dik l-okkazzjoni li sar l-att konjugali ftit wara l-ahbar tat-tqala. Jghid li "Peress li konna ghamilna s-sess darba ftit xhur qabel u ma uzajtx protezzjoni, hlief kif ghidt li kont irtiratjt, ma stajtx kompletament u ghal kollox nelimina l-possibilita' remota li t-tarbija kienet tieghi."[8]

Illi missier il-konvenuta kien ukoll "accertani" li kienu ser jsiru t-testijiet tad-demm sabiex tigi accertata l-paternita' tat-tifla; u kien dan il-fatt li wasslu sabiex jiffirma l-kuntratt fuq indikat; izda wara l-iffirmar tal-kuntratt, l-attur gie informat li l-konvenuta G kien rega' bdiela u ma riditx li jsiru t-testijiet tad-demm. Kien ma' din l-ahbar li l-attur ma' baqax jezercita d-dritt ta' access li kellu fil-kuntratt, u "qtajt kull forma ta' kuntratt ma' C." Peress li "jien sirt aktar suspettuz dwar kemm vera jiena kont il-missier bijologiku."[9]

L-attur jispejega li "l-Avukati tieghi dejjem tawni parir li taht il-ligi Maltija ta' dak iz-zmien ma kienx possibbli li tingieb

---

[6] Vol.1 – fol.163
[7] Vol.1 – Fol.163
[8] Vol.2 – Fol.415
[9] Vol.1 – Fol.164

[b’ success] azzjoni tad-denegata paternita’ peress li [il-konvenuta] E F ma kinitx hbietli l-fatt li kienet tqila.”

L-attur jghid li hu qatt ma kien rega’ raha lill-konvenuta C B sakemm din kellha “xi ghoxrin sena.”[10] meta, allura, kienet giet xi tlieta u erba darbiet ghall-festini li hu kien jorganizza; u dan mhux fuq stedina tieghu, izda akkompanjata mill-hbieb.

Illi fis-sena 1990 huwa kien talab lill-konvenuta C B sabiex jsiru t-testijiet tad-DNA; hi accetat; u t-testijiet saru fl-Isvizzera. L-attur ipprezenta rapport[11] mahluf minn professur tax-xjenza forensika, li jccertifika li t-testijiet forensici jeskludu li l-istess konvenuta hija bint l-attur.

Illi fis-sena 1993 saru emendi fil-ligi Maltija rigwardanti l-paternita’, izda, l-Avukati tieghu, xorta wahda nformawh li ma kienx hemm ir-rekwiziti fattwali sabiex l-azzjoni tad-denegata paternita’ tigi promossa b’ success, u li l-unika triq disponibbli legalment kienu proceduri kostituzzjoni. Dawn gew istitwiti quddiem il-qrati Maltin izda b’ ezitu negattiv. Ghalhekk fil-5 ta’ Lulju 2002 l-attur ressaq applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fi Strasbourg, u fit-12 Jannar 2006 kellu sentenza favorevoli. Konsegwentement gie promulgat l-Att VIII tas-sena 2008 li permezz tieghu seta’ jipprocedi bl-azzjoni odjerna.

Fl-affidavit ulterjuri[12] jghid li lill-konvenuta minn mindu kienet zghira “qatt ma hrigtha, qatt ma mort parent’s day, qatt ma baghtilha rigali jew kartolini f’ gheluq zmiena, jew meta ghamlet il-precett u l-grizma ta’ l-Isqof, qatt ma hadt hsiebha, u qatt ma gejt informat jekk kinitx b’ sahhitha jew le. Il-manteniment kont inhallsu ghax bilfors..” Izid jghid “li kieku kienet f’ mohhi li C kienet it-tifla tieghi kont insifirha mieghi, kont nibghataha barra minn Malta biex tistudja bhal ma marru t-tfal ta’ huti..”

[10] Vol.1 – Fol.164
[11] Vol.2 – Fol.404 et seq.
[12] Vol.2 – Fol.417

Jghid li fiz-zmien li hu kien sema' li l-konvenuta C B kienet ghamlet operazzjoni f' qalba, izda "E F ma qaltli xejn la fejn saret u lanqas ir-rizultat ta' din l-operazzjoni." Jghid li C qatt ma stednitu ghat-tieg taghha, u s-somma li kien taha ghall-kontribut ta' l-ispejjez kien tajhomlha ghax xi hadd kien qallu li kien obbligat li jaghmel hekk.

Rigward l-ewwel inkontru li kellu mal-konvenuta C B, l-attur jghid li jikkalkola li f' dak iz-zmien din kienet adulta u li "jien ma kontx naf li gejja qabel, u zgur li qatt ma stedintha jien l-ewwel." Inoltre, "kienet laqa' normali, u minghajr ebda sinjali ta' affezzjoni partikolari." Wara din l-okkazzjoni, iltaqa' maghha mhux aktar tard minn ghaxar darbiet; u meta kien jiltaqa' maghha kien jittratta bhal hafna tfajliet li kont naf.

Jghid li din il-konvenuta ma kienet qatt meqjusa bhala parti mill-familja B.

*Verzjoni Konvenuta E F B*

Il-konvenuta tikkonferma li mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet kellhom l-inkwiet bejniethom peress li l-attur kien jghir hafna. Meta kienet gharrfitu li kienet tqila, l-attur ma weriex entuzjazmu u kien distakkat; u meta kellha sitt xhur tqala, sakkarha barra mid-dar konjugali, u hi kienet marret tghix mal-genituri taghha.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien jhallas il-manteniment regolari, u fir-rigward tat-tifla C B kien ihallas ghall-bzonnijiet kollha taghha minghajr wisq problemi. Tghid li t-tifla "minn dejjem kienet registrata u maghrufa bhala bint A, tant li fl-iskejjel u anke fic-cirku tal-hbieb taghna kulhadd jafha bhala t-tifla ta' A B."[13]

Meta kibret, il-konvenuta C B gharrfitha li kien qed ikollha kuntatt ma' missierha, u li kuntenta b' dan il-fatt.

Fid-deposizzjoni[14] taghha, din il-konvenuta tikkonferma li l-attur ma kienx ha gost bl-ahbar tat-tqala, u kien "ghadda

---

[13] Vol.1 – Fol.205

[14] Vol.2 – Fol.365 – et seq.

kumment, li qal li t-tifla mhux tieghu". Tghid li fil-bidu taz-zwieg hija kellha relazzjoni ma' Peter Stevens, u sussegwentement ukoll ma' Albert G meta hija kienet ghadha tghix fid-dar konjugali.

Tghid ukoll fiz-zmien ix-xahar tal-koncepitment tal-konvenuta C B, hija kienet taghmel l-att konjugali ma' l-attur, izda kien hemm okkazzjoni wahda jew tnejn fejn kellha wkoll relazzjoni ntimi, ma' l-imsemmi Albert G; izda ma' Albert G ma kinitx taghmel l-att konjugali komplut, u ghalhekk, tghid, li hi konvinta li huwa l-attur il-missier tat-konvenuta B.[15]

*Verzjoni Konvenuta C B*

Din, fl-affidavit taghha, tghid li minn mindu kienet zghira "kont dejjem konsapevoli li missieri jismu A B, pero' ghal xi zmien kien misteru minn verament kien dan A B."[16] "L-iskola jien dejjem maghrufa bhala C B, u kulhadd kien jaf li missieri kien A, specjalment il-hbieb tal-familja."

"Aktar ma bdejt nikber aktar bdejt nuri x-xewqa li jkolli kuntatt ma' missieri u xtaqt li nsir nafu" Ghalhekk kienet qalet lil habib taghha sebiex qabel ma jmur d-dar ta' l-attur, hu kellu jcempillu u jikkonfermalha jekk ghaliex kienx tajjeb li jmorru, u fil-fatt l-attur kien accetta. Dak in-nhar kien hemm xi ghaxar minn nies ohra mistidnin ghand l-attur. Dak iz-zmien kelli madwar 14-il sena.

Tghid li minn dik il-gurnata hi kellha kuntatt regolari ma' l-attur. Kienu jiltaqghu f' ikliet ta' nofs-in nhar ma' hbieb ohra, u "kulhadd kien jaf li jiena C it-tifla ta' A B."

Dwar iz-zwieg taghha, din il-konvenuta tghid li meta kienet ser tizzewweg "kont ghidltlu personalment li kont ser nizzewweg, u kienet intiza li missieri kien ser jtellani l-artal." Izda l-attur kien qabad u ma giex ghat-tieg, avolja kien wegheda li ser ikun hemm, u kien taha somma sostanzjali ta' flus. Tghid li l-attur ma kienx talabha biex tistieden "specific guest."[17]

---

[15] Vol2. – Fol.384--387
[16] Vol.1 – Fol.198
[17] Vol.2 – Fol.254

Tghid li hi qatt ma kellha dubju li l-attur kien missierha. Ghalhekk "kont accettajt mill-ewwel li naghmel id-DNA test." Wara li hi giet informata li t-testijiet kienu negattivi, "jiena u missieri xorta zammejna kkuntatt pero' ma kienx daqshekk frekwenti bhal qabel." Ommha kienet ixxokjata bl-ahbar.

Fid-depozizzjoni[18] taghha, il-konvenuta tghid li qabel l-ewwel inkontru taghha ma' l-attur, meta kellha 14-il sena, hi qatt ma attendiet funzjonijiet mizmuma mill-familja ta' l-attur; u li lil Chris B kienet tafu, mhux minhabba li kienet tiffrekwenta lill-familja, izda peress li f' dak iz-zmien kienu hbieb fl-istess klikka ta' zaghzagh. Dak iz-zmien hi kellha 16-il sena, u dan kien ftit akbar minnha. Tghid li, anke wara l-ewwel inkontru, hi qatt ma kienet mistiedna mill-familja B, hlief mill-attur. Anke fil-funeral ta' missier l-attur hija ma kinitx mistidna biex tpoggi mal-familja B.

Tghid li l-attur ma kienx gie ghall-mghamudija tat-tifel taghha Kyle, izda ma tiftakarx jekk kinitx stiednitu.

Meta talabha sabiex jsir it-test tad-DNA il-konvenuta accettat, u tispjega li "obviously the relationship we had was a good relation [ship] but it was not the normal relationship like every father with their daughter, and I am not going to pretend that it was that sort.." Tghid li l-attur kellu dubju dwar jekk hi kinitx verament bintu. Fi kliemha: "I think the whole world knew his doubt. It was something that I knew something was wrong. Obviously otherwise he would not have been out of my life for the first fourteen years."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghad-determinazzjoni tal-punt jekk il-pussess ta' stat da parti tal-konvenuta C B huwiex konformi ma' l-att tat-twelid taghha fejn giet registrata bhala l-wild ta' l-attur A B allura mizzewweg lill-konvenuta F E G.

---

[18] Vol.2 – Fol.221 *et seq.*

Illi skond l-artikolu 80 tal-Kap.16 il-pussess ta' stat ta' "iben legittimu" jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiservu biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu; u fit-tieni sub inciz, l-istess artikolu jelenka "l-ewlenin fost dawn il-fatti", u li din il-Qorti ser titratta seriatim.

2[a] <u>"It-tifel ikun igib dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li huwa l-iben."</u>
Fir-rigward, mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta C B dejjem kellha, u ghad ghandha, l-kunjomi B, peress li l-attur xhur wara li twieldet kien irregistraha fuq l-att tat-twelid bhala bintu.
Izda ghall-finijiet ta' l-ezami odjern, din l-element ta' prova ghandha tigi kunsidratata fil-kuntest tal-fatti li wasslu lill-attur sabiex jirregistra lil din il-konvenuta bhala bintu. Hu jsostni li hu kien riluttanti li jaghmel dan, tant li kien halla seba' xhur qabel ma fl-ahhar accetta li jirregistraha hekk; u dan minhabba l-pressjoni li kien qed jezercita fuqu missier il-konvenuta, u anke il-pulizija, kif ukoll ghax haseb li hu kellu l-obbligu legali li jirregistra t-tifla bhala bintu gja la darba huwa kien ghadu mizzewweg lil ommha.

Il-Qorti fir-rigward taghti affidament lill-attur, in vista ta' zewg konsiderazzjonijiet: [1] li l-attur dam xhur biex jirregistra t-tarbija bhala bintu, liema fatt jikkonferma r-riluttanza tieghu li jaghmel dan il-pass; u [2] li l-artikolu 305 [illum 272] tal-Kodici Civili fis-sena 1967 ma kienx isemmi lill-omm fost dawk li kienu obbligati li jirregistraw it-tarbija, izda kien jinkludi lill-missier.[19] u ghalhekk huwa verosimili dak sostnut mill-attur li huwa kien ha dan il-pass ghax haseb li kien legalment obbligat li, bhala zewg l-omm, huwa kellu jirregistra t-tarbija fuq ismu.

Illi inoltre, l-attur kien gie informat mill-avukati tieghu li, kif kienet vigenti l-ligi f' dak iz-zmien, huwa ma setghax iressaq b' success azzjoni ta' denegata' paternita' biex inehhi kunjomu minn fuq l-att tat-twelid tal-konvenuta C B.

[19] Dan l-artikolu kien jiddipsoni hekk: "F' kull twelid ta' tarbija, hu dmir tal-missier, u fin-nuqqas ta' dan, tat-tabib, kirurgu, qabla, jew persuna ohra li tkun tat l-ghajnuna taghha fil-hlas, jew li f' darha jkun sar il-hlas, li jaghtu, fi zmien hamest-ijem mit-twelid, avviz tieghu lill-ufficjal li ghandu d-dmir li jikteb l-att tat-twelid."

Illi l-konsiderazzjonijiet prezenti ghandhom sinifikat aktar fit-trattazzjoni tal-kriterju kontenut fis-sub inciz 2[b] ta' l-artikolu precitat.

2[b] li <u>"l-missier ikun trattah bhala ibnu, u f' dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah."</u>

Illi l-konsiderazzjonijiet premessi japplikaw u ghandhom relevanza fit-trattazjoni ta' dan il-kriterju, stante li juru li l-attur la verament ried li jirregistra l-wild bhala bintu, u lanqas ried li din tkompli ggorr kunjomu, kif jixhdu d-diversi tentattivi gurizzjarji li saru minnu sabiex jistitwixxi b' success azzjoni fir-rigward, tant li eventwalment kellu jirrikorri b' success ghall-Qorti Ewropea. Dawn il-fatti huma ndikattivi li l-attur ma riedx verament jirrikonoxxi lill-konvenuta C B bhala bintu.

Illi din il-konkluzjoni tkompli tissahhah bil-fatti li segwew wara t-twelid tat-tarbija.

[1] Inizjalment il-attur kien accetta li jhallas manteniment ghat-tifla, u gie stabbilit access favur tieghu. L-attur jghid, u l-assjem tal-provi jikkonfortawh, li hu kien accetta dawn il-klawsoli fil-kuntratt ta' separazzjoni, peress li kien imwieghed minn missier il-konvenuta G li kienu ser isiru t-testijiet tad-demm biex tigi accertata l-paternita' tat-tifla. Di fatti, ghal xi zmien, wara li l-istess missier-il konvenuta kien dam jittrattjeni biex jezegwixxi l-weghda tieghu, l-attur kien jara lit-tifla; izda, sena u nofs wara t-twelid taghha, meta missier il-konvenuta kien informah li bintu ma rieditx li jsir it-test, huwa qata' hesrem kull kuntatt mat-tifla, filwaqt li kien informa lill-missier il-konvenuta li hu ma kienx ser jibqa' jqisha bhala bintu.

[2] Illi wara dan l-incident, l-attur qata' kull kuntatt mat-tifla, u dan sakemm, wara circa tlettax-il sena, it-tifa C B kienet ghamlet avvanz sabiex ikollha nkontru ma' missierha. Huwa pacifiku li matul dan iz-zmien kollu, ghajr ghall-hlas ta' manteniment, li l-attur kien kontrattwalment obbligat li

jaghmel, huwa ma kellu ebda kuntatt ma’ bintu, kif fuq spjegat.

[3] Illi, anke wara li l-konvenuta C B kienet regghet stabbilit kuntatt ma’ l-attur, ir-relazzjoni ta’ bejniethom kienet wahda okkazjonali. Dan il-fatt huwa konfermat mill-istess konvenuta meta tistqarr li “obviously the relationship we had was a good relation [ship] but <u>it was not the normal relationship like every father with their daughter</u>, and I am not going to pretend that it was that sort..” Dan isib konfort qawwi fil-fatt pacifikament akkolt li l-attur, mistieden jew le, ma kienx attenda it-tieg ta’ C.

Dawn il-konsiderazzjonijiet immilitaw kontra t-tezi li l-attur kien tratta lill-konvenuta C B bhala bintu; u li, ghalkemm kien ihallas ghall-manteniment taghha, huwa zgur li ma kien ghamel xejn sabiex “jikkolokaha” [“establishment in life”: fit-test Ingliz].

<u>2[c] li “it-tifel ikun gie dejjem maghrufa bhala tali man-nies.”</u>

Illi l-fatt per se li t-tifel ikun igorr il-kunjom ta’ zewg l-omm ma jfissirx li dan ikun necessarjament mgharuf bhala t-tifel tieghu man-nies.

Fil-kaz prezenti, dan il-fatt johrog car u manifest, hekk kif l-istess konvenuta C B tghid “I think the whole world knew his doubt. It was something that I knew something was wrong. Obviously otherwise he would not have been out of my life for the first fourteen years.” Ghalhekk il-fatt li d-dubju li kellu l-attur dwar il-paternita’ tat-tifla kien maghruf fis-socjeta’, akkompanjat mill-fatt li l-kuntatt bejniethom kien inqata’ ghal zmien twil minn meta l-konvenuta kienet ghadha tarbija, u ghalhekk ghal dan iz-zmien kollu ma kienu qatt deheru flimkien fis-socjeta’, kif ukoll il-fatt li l-konvenuta C qatt ma kienet mistiedna ghall-festini organizzati mill-familja ta’ l-attur, jisahhu l-konkluzjoni li ma jirrizultax li din il-konvenuta kienet “dejjem maghrufa [bhala t-tifla ta’ l-attur] man-nies.”

<u>2[d] “li huwa kien maghruf bhala tali mill-familja.”</u>

Illi huwa pacifikament akkolt li l-familjari ta’ l-attur ma kienux jikkunsidraw lill-konvenuta C B bhala bint l-attur, tant li hi ma kinitx tkun mistiedna ghall-festini u l-okkazzjonijiet organizzati mill-familja ta’ l-attur. Dan jirrizulta mid-depozizzjonijiet ta’ diversi xhieda, kif ukoll minn dik ta’ l-istess konvenuta.

**Decide**

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-konvenuta C B ma rnexxielhiex tipprova sodisfacentement li hi tippossjedi stat li huwa konformi ma’ l-att tat-twelid taghha, u ghalhekk l-eccezzjoni sollevata minnha ma ssibx gustifikazzjoni li fil-fatt u lanqas fid-dritt, u ghalhekk qed tigi michuda.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkunu a kariku tal-konvenuta C B.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------